MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 143/2006

**Mary Rose sive May Staines u ghal kull interess li jista' jkollu l-Avv. Dr. Robert Staines**

**vs**

**Charles u Mary Rose konjugi Scicluna u b'digriet tat-2 ta' April 2009, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti jigu trasfuzi fuq Mary Rose Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mary Rose sive Staines et, fejn dawn wara li ppremettew illi:

L-attrici hija proprjetarja tal-fond urban ossia appartament bin-numru 1 Aster Flats, Triq Sir Gorg Borg (gia Point Street), Sliema.

Dan il-fond kien moghti b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-konvenuti ghall-perjodu ta' sbatax-il sena versu hlas ta' cens ta' Lm660 fis-sena u dan skond kuntratt datat 9 ta' Dicembru 1983.

In forza ta' l-artikolu 12 tal-Kap. 158, il-konvenuti baqghu jokkupaw il-fond in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni versu l-kera ta' Lm936 fis-sena.

Il-konvenuti jikru l-ghamara li hemm fil-fond bil-kera ta' Lm120 fis-sena.

Il-konvenuti ilhom ma jhallsu cens u/jew kera mid-9 ta' Dicembru 1997 biex b'hekk sa llum huwa dovut l-ammont ta' Lm8,676.

Dan huwa ksur car tal-kundizzjonijiet tal-kera li konsegwentement iwassal ghat-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-fond u l-ghamara fuq imsemmija.

Talbu l-atturi jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tittermina l-lokazzjoni tal-fond ossia appartament bin-numru 1 Aster Flats, Triq Sir Gorg Borg, Sliema, kif ukoll il-lokazzjoni ta' l-ghamara li hemm f'dan il-fond.

Tordna lill-konvenuti biex jizgumbraw mill-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Tiddikjara lill-konvenuti debituri ta' l-atturi fis-somma ta' Lm8,676 dovuta bhala arretrati ta' cens u kera mill-iskadenza tad-9 ta' Dicembru 1997 sa l-iskadenza tad-9 ta' Dicembru 2005.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm8,676 fuq imsemmija bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali tas-6 ta' Frar 2002, 23 ta' Settembru 2002, 1 ta' Settembru 2003 kontra l-konvenuti mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Charles Scicluna et, fejn dan eccepixxa illi:
It-talbiet tar-rikorrenti Mary Rose u Dr. Robert konjugi Staines huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi ghalkemm inghatat diversi okkazzjonijiet biex tressaq provi, il-konvenuta naqset milli taghmel dan, u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi, mill-provi kollha prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jippruvaw it-talbiet taghhom sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti:

1. Tilqa’ l-ewwel talba.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiffissa terminu ta’ tlett xhur ghall-fini tal-izgumbrament.

3. Tilqa’ t-tielet talba.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ €20,209.64c ekwivalenti ghal Lm8,676, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------